# Il-Ħadd 24.01.2016

1. Illum 24/01:
   - Fl-10:00am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fit-3:30pm - Is-*Safi Drama Group*, bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjonijiet taż-Żgħażagħ u tal-Armar tal-Każin San Pawl ser itellgħu reċta, fis-Sala tal-Iskola Primarja, bl-isem **'Meta ġie jżurna Paul'**. Kulħadd mistieden.
   - Fil-5:30pm - Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji Għarajjes li ser jiżżewġu matul din is-sena.

2. It-Tnejn 25/01, **Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl**:
   - Tagħlaq il-ġimgħa ta' talb iddedikata għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.
   - Fil-5:30pm - Ir-Rużarju.
   - Fis-6:00pm - Quddiesa solenni ċċelebrata minn Mons. Charles Attard, Direttur tal-Moviment ta' Kana u Eks-Arċipriet tal-Parroċċa taż-Żurrieq (2006-2016), u animata mill-Kor '*Sine Macula*', li fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.
   - Fis-7:30pm - Il-Banda San Pawl tagħmel marċ fit-toroq tar-raħal.
     *Dan dejjem jekk l-ajru jkun jippermetti.*

3. Il-Ħamis 28/01:
   - Fis-7:15pm tiltaqa' il-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ħadd 31/01, **Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta**.
   *Ser niċċelebrawh f'dan il-jum minħabba li l-10 ta' Frar hu Ras ir-Randan*.

5. Il-Ħadd 7/02:
   - Fil-5:30pm - Quddiesa li fiha nitolbu u nirringrazzjaw lil Alla ta' Sr Bibiana Grech o.p. li tul dawn l-aħħar għaxar snin serviet bħala Superjura tas-Sorijiet Dumnikani fir-raħal tagħna, kif ukoll tat kontribut siewi fil-parroċċa tagħna, u li ser tingħaqad mal-Kommunità ta' Santa Katerina, f'Ħat-Attard.

6. Avviżi oħra:
   - Il-Każin Banda San Pawl jinfurmakom li llum (24/01), xi membri ser ikunu qed jiġbru xi envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm. Grazzi bil-quddiem.
   - F'dawn il-jiem ser jintlaqgħu l-Applikazzjonijiet għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għal dawk li ġejjin minn skejjel tal-Gvern u indipendenti. Informazzjoni oħra tinkiseb mill-istess Skejjel tal-Knisja u minn fuq il-website tal-Kurja: www.thechurchinmalta.org fis-Sezzjoni: *'Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja'*.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 418.50 mill-envelopes bl-Istrina tagħkom bl-istess għan għar-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.

8. Nitolbu għal Katarina Monreal li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...